**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr Chris Frendo LL.D)**

**Vs**

**Neil Carl Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 883/2015**

**Illum, 4 ta' Novembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neil Carl Farrugia ta' 33 sena bin Emanuel u Catherina Saydon imwieled Pieta' Fit-28 ta' Gunju 1982, u li joqghod numru 18, Triq Santa Marija, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' 347982M talli:

Fl-24 ta' Settembru 2015 ghall-habta tas-02.30 ta' filghodu fi Triq Telghat Spencer, il-Marsa kkommetta serq ta' siggijiet u mwejjed ghad-dannu ta' Simmonds Farsons plc, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ai termini tal-artikoli 261, 270, 279 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fil-25 ta' Settembru 2015 ghall-habta tas-03.30 ta' filghodu fi Triq Telghat Spencer, il-Marsa kkommetta serq ta' siggijiet u mwejjed ghad-dannu ta' Simmonds Farsons plc, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ai termini tal-artikoli 261, 270, 279 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-24 ta' Settembru 2015 ghall-habta tas-02.30 ta' filghodu u fil-25 ta' Settembru 2015 ghall-habta tas-03.30, fl-istess post saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAB 461, ta' ghamla Hyundai minghajr ma kellu

licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita' Kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob il-konfiska tal-corpus delicti ossia vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni GAB 461.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 l-imputat irregistra ammissjoni (wara li l-prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-valur fit-tieni akkuza) u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu llum (wara li giet irtirata t-tielet imputazzjoni) wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-valur fit-tieni imputazzjoni; kif ukoll irtirat it-tielet imputazzjoni u t-talba ghall-konfiska tal-vettura.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija, il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija u inoltre' apparti li rritorna parti mir-*res furtiva* ddikjara li huwa jrid ihallas l-ekwivalenti tar-rimanenti oggetti li nsterqu. L-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna u ghaldaqstant mhix se timponi prigunerija izda ordni ta' probation sabiex huwa jigi mghejjun jeghleb id-diffikultajiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni u tal-aggravju tal-valur indikat fit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267,270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' hames mija u hamsa u ghoxrin (€525) lil Simmonds Farsons plc fi zmien sitt (6) xhur.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-vettura billi tali talba giet irtirata.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jsegwix l-ordnijiet moghtija lilu mill-ufficjal tal-probation.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti kollha jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Inoltre' tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat